KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1/ 2 / 3 / 4

10 LEĠISLATURA - LAQGĦA NO. 25 TAL-
KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 25 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis, 19 ta’ Frar 2026, fil-17.30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

IFFIRMATA

Bjorn Bonello – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA 25**

25.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija;

25.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti – Laqgħa numru 24;

25.3 Punti mill-minuti;

25.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

25.5 Progress tax-xogħlijiet infrastrutturali u ta’ tisbiħ tal- Pjazza Buġibba;

25.6 Progress tax-xogħlijiet tal-WSC fi Triq Cassarino;

25.7 Diskussjoni dwar l-applikazzjonijiet għall-iżvilupp fil-lokalità, fosthom PA219/26 u PA343/26;

25.8 Diskussjoni dwar l-istimi tal-baġit finanzjarju għall-2026;

25.9 Laqgħa annwali April 2026;

25.10 Riżorsi Umani – *Performance Bonus*, Applikazzjonijiet għall-ingaġġ (kontinwazzjoni).

25.11 Monument f’ġieħ Freddie Portelli.

25.12 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

25.13 Approvazzjoni ta’ kontijiet u xiri ta’oġġetti/servizzi;

25.14 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti ;

25.15 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss

**Membri Preżenti**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ċensu Galea | *Sindku* | Christopher Vella Petroni | *Viċi Sindku* |
| Alan Bugeja | *Kunsillier* | Sandra Gauci | *Kunsilliera* |
| Daryl Connor | *Kunsillier* | Rachel Williams | *Kunsilliera* |
| Joseph M. Attard | *Kunsillier* | Alexandra Smart Costantino | *Kunsilliera* |
| Mary Borg | *Kunsilliera* | Raymond Tabone | *Kunsillier* |

**25.1 Qari ta' ittri t'apoloġija**

Is-Sindku fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa u nofs u rringrazzja lill-membri kollha preżenti kif ukoll lil dawk li kienu qed isegwu l-laqgħa online. Is-Sindku informa lill- Kunsill, li l-Kunsilliera Anne Fenech, Alexander Aguis u Clevion Micallef talbu li jiġu skużati mil-laqgħa.

**25.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru 24**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-minuti tal-laqgħa preċedenti ma kinux ġew iċċirkolati minn qabel. Huwa ppropona li l-minuti tal-Laqgħa 24 jew jinqraw matul din il-laqgħa jew inkella jiġu mqassma lill-membri biex jiġu kkunsidrati u approvati fil-laqgħa li jmiss.

Bi tweġiba għal mistoqsija li saret mill-Kunsillier Raymond Tabone, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li skont l-Ordnijiet Permanenti, l-aġenda trid tiġi ċirkolata mill-inqas ħamest ijiem qabel il-laqgħa, filwaqt li l-minuti għandhom jinqraw waqt il-laqgħa stess. Huwa żied jgħid li, għalkemm saret prattika li l-minuti jintbagħtu minn qabel għall-konvenjenza tal-membri, dan ma huwiex rekwiżit legali. Wara dan segwiet diskussjoni.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa wkoll lill-membri li, peress li jidher li xi membri tal-*staff* mhumiex kompletament konxji mid-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom, huwa ħejja lista ta' dmirijiet u responsabbiltajiet ibbażata fuq l-istrutturi tal-impjiegi fis-Servizz Pubbliku sabiex tipprovdi aktar ċarezza u struttura fl-operat tal-Kunsill Lokali. Bħala eżempju, huwa semma li fost id-dmirijiet ta' Assistant Principal jista' jkun hemm ukoll it-teħid tal-minuti. Huwa enfasizza li ma jkunx prattiku li Kunsill Lokali tad-daqs u l-kumplessità ta' San Pawl il-Baħar jiddependi kompletament fuq is-Segretarju Eżekuttiv, meta hemm impjegati fi skali rilevanti li jistgħu jindirizzaw diversi kwistjonijiet amministrattivi.

Huwa fakkar ukoll lill-membri li, skont l-Att dwar il-Gvern Lokali, il-Kunsill huwa fid-dmir li jinnomina uffiċjal minn fost l-impjegati li qegħdin fi Skala 11 jew ogħla sabiex jaqdi l-funzjonijiet tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv f'każ ta' assenza jew vakanza fil-kariga. Huwa osserva li għal diversi snin il-Kunsill ma kellu lil ħadd lest jew f'pożizzjoni li jaċċetta dan ir-rwol.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għalhekk ippropona li l-Kunsill jibda l-proċedura sabiex tinħareġ sejħa għar-reklutaġġ ta' Skrivan fi Skala 11, li tippermetti lill-Kunsill jaħtar Deputat skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Gvern Lokali.

Ġie deċiż b'mod unanimu li tinbeda l-proċedura sabiex tinħareġ is-sejħa għal Skrivan fi Skala 11.

Fuq mistoqsija li saret dwar l-istatus tal-proċess ta' reklutaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta spjegazzjoni dwar l-istadju li fih jinsab il-proċess. Huwa informa lill-Kunsill li kien talab lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex tipprovdilu dettalji dwar il-verifika (vetting) tal-individwi proposti, iżda din l-informazzjoni kienet għadha ma ġietx ipprovduta sa meta saret il-laqgħa.

Minħabba li d-diskussjoni kienet tinvolvi dettalji personali relatati mal-kandidati u diffikultajiet li nqalgħu matul il-proċess, ġie deċiż li r-reġistrazzjoni awdjo tal-laqgħa tiġi sospiża temporanjament sakemm titkompla d-diskussjoni fuq dan il-punt.

Matul id-diskussjoni ssemma wkoll li, fl-istadju tal-vetting, ma kienx intalbet kondotta tal-Pulizija, u ġie osservat li ma jkunx prattiku li tali dokument jintalab wara li l-individwu jkun diġà ġie ingaġġat.

**25.3 Punti mill-minuti**

Ġie deċiż li l-minuti jiġu kkunsidrati u approvati fil-laqgħa li jmiss.

**25.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien ġie avviċinat mill-organizzaturi tal-Maratona Nazzjonali sabiex jistaqsu jekk hemmx xi xogħlijiet ta' manutenzjoni jew interventi relatati ma' ħofor fit-toroq prinċipali qabel l-aħħar ta' Marzu. Is-Sindku informa wkoll li l-maratona ser issir fit-22 tax-xahar, u nnota li mill-informazzjoni li ħarġet irriżulta li l-Kunsill Lokali ma kienx ġie kkonsultat dwar dan l-avveniment.

Is-Sindku spjega wkoll li l-ħaddiema tal-Kunsill Lokali bdew programm komprensiv ta' żebgħa tat-toroq, wara numru sostanzjali ta' talbiet li kienu ilhom isiru għal dan it-tip ta' xogħol.
Il-Kunsillier Daryl Connor staqsa lis-Sindku dwar l-istatus tas-sejħa għall-offerti relatata mal-manutenzjoni tat-toroq. Is-Sindku spjega li fil-ġimgħa ta' qabel il-laqgħa, il-persuna responsabbli mill-evalwazzjoni tal-offerti infurmat lill-Kunsill li ma kienx ser ikompli b'din l-evalwazzjoni u li kellu jintgħażel sostitut sabiex jitkompla l-proċess.

Is-Sindku informa wkoll li fil-ġimgħat ta' qabel il-laqgħa l-Kunsill Lokali organizza l-attivitajiet tal-Karnival kif ukoll waħda mil-laqgħat pubbliċi annwali.

Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li hemm pjan sabiex jiġu installati madwar 30 kamera CCTV minn LESA, permezz tal-Ministeru għall-Intern. Huwa spjega li kellu lista tal-lokalitajiet fejn dawn il-kameras diġà ġew installati jew fejn ser jiġu installati, iżda l-Kunsill Lokali ma kienx ġie informat dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett u għalhekk mhuwiex ċar x'inhu l-għan eżatt tiegħu, għalkemm ġie indikat li dawn ser jintużaw għal skopijiet ta' sigurtà nazzjonali. Is-Sindku spjega li la hu u lanqas il-Kunsill Lokali ma huma konxji li dawn il-kameras ser jintużaw għal skopijiet ta' infurzar.

Is-Sindku qara l-lista tal-lokalitajiet fejn dawn il-kameras ġew jew ser jiġu installati.

F'dan il-punt is-Sindku spjega li l-Kunsill ser jgħaddi biex jiddiskuti l-baġit annwali tal-Kunsill Lokali. L-informazzjoni kollha relatata mal-pożizzjoni finanzjarja (dħul u nefqa, stimi, eċċ.) ġiet mehmuża ma' dawn il-minuti u ser tiġi aġġornata kif meħtieġ.

**25.5 Progress tax-xogħlijiet infrastrutturali u ta' tisbiħ tal- Pjazza Buġibba**

Wara diskussjoni dettaljata u fit-tul, is-Sindku ressaq proposta għall-vot sabiex ix-xogħlijiet fil-pjazza jitħallew jitkomplew matul il-Ħdud u l-festi pubbliċi, bl-eċċezzjoni li ma jintużax makkinarju kbir/goff (*Heavy Machinery*).

Meta ttieħed il-vot dwar din il-proposta, ir-riżultat kien ta' ħamsa favur u ħamsa kontra. Il-Viċi Sindku Chris Vella Petroni u l-Kunsilliera Raymond Tabone, Daryl Connor, Alan Bugeja u Joseph Matthew Attard ivvutaw kontra l-proposta. Minħabba li l-vot spiċċa indaqs, is-Sindku għamel użu mill-vot deċiżiv (casting vote) tiegħu, u b'hekk il-proposta għaddiet u ġie deċiż li x-xogħlijiet jitkomplew kif propost.

Il-Kunsillier Raymond Tabone insista li jiġi ppreżentat programm dettaljat tax-xogħlijiet, inkluża indikazzjoni ta' meta dawn huma mistennija jitlestew.

**25.6 Progress tax xogħlijiet tal WSC fi Triq Cassarino;**

Is-Sindku informa lill-membri dwar il-progress tax-xogħlijiet li qed jitwettqu mill-Water Services Corporation (WSC) fi Triq Cassarino u f'toroq fil-viċin, fosthom Triq it-Turisti. Huwa spjega li, skont il-programm tax-xogħlijiet attwali, dawn huma indikati li jitlestew sa Ottubru 2026, li jista' jikkawża inkonvenjent konsiderevoli matul ix-xhur tas-sajf.

Is-Sindku rrimarka wkoll li, jekk ix-xogħlijiet jibqgħu għaddejjin matul il-perjodu tas-sajf, ikun meħtieġ li jinkiseb il-permess meħtieġ mill-awtoritajiet relatati mat-turiżmu.

Wara diskussjoni dettaljata bejn il-membri preżenti, ġie maqbul li tintbagħat komunikazzjoni lill-WSC sabiex jiġi kkunsidrat li dawn ix-xogħlijiet jitlestew f'qasir żmien, preferibbilment qabel ix-xhur tas-sajf. Ġie enfasizzat li x-xogħlijiet għandhom jitwettqu b'effiċjenza u skont l-istandards meħtieġa, sabiex jiġi żgurat li jsir xogħol ta' kwalità u kif suppost.

Il-Kunsillier Alan Bugeja talab li jiġi skużat u ħalla l-laqgħa minħabba impenji tax-xogħol (19.00).

**25.7 Diskussjoni dwar l-applikazzjonijiet għall-iżvilupp fil-lokalità, fosthom PA219/26 u PA343/26**

Is-Sindku informa lill-membri li hekk kif din l-applikazzjoni waslet għand il-Kunsill, ġie indikat minnufih li l-Kunsill kien ser jissottometti rappreżentazzjoni dwarha.

Wara diskussjoni fid-dettall, is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta fuq l-iskrin il-pjanti relatati mal-proġett sabiex il-membri jkunu jistgħu jivvalutaw aħjar il-proposta. Huwa informa wkoll li rappreżentazzjoni uffiċjali diġà ġiet sottomessa, ibbażata fuq planning grounds u marbuta mal-policies relevanti tal-ippjanar.

Rigward l-applikazzjoni PA343/26, il-Kunsillier Raymond Tabone, ivvota kontra ir-rappreżentazzjoni kif preżentata. Din ir-rappreżentazzjoni ser tkun mehmuża ma' dawn il-minuti bħala anness.

Il-Kunsillier Raymond Tabone talab li jiġi skużat u ħalla l-laqgħa (19.43).

**25.8 Diskussjoni dwar l-istimi tal-baġit finanzjarju għall 2026**

L-informazzjoni kollha relatata mal-pożizzjoni finanzjarja (dħul u nefqa, stimi, eċċ.) ġiet mehmuża ma' dawn il-minuti u ser tiġi aġġornata kif meħtieġ.

**25.9 Laqgħa annwali April 2026;.**

Il-laqgħa ġiet proposta għat 12 ta' April 2026.

**25.10 Riżorsi Umani – Performance Bonus, Applikazzjonijiet għall-ingaġġ (kontinwazzjoni).**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġie mitlub joħroġ mil-laqgħa sabiex il-membri jkunu jistgħu jiddiskutu l-performance bonus taż-żewġ Segretarji Eżekuttivi preċedenti kif ukoll dak tas-Segretarju

Eżekuttiv attwali.

Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti, ġie maqbul li l-performance bonus jiġi approvat għat-tliet Segretarji Eżekuttivi.

**25.11 Monument f'ġieħ Freddie Portelli.**

Is-Sindku informa lill-membri li l-monument ta' Freddie Portelli, propost u promoss mill-Kumitat Monument Freddie Portelli huwa lest u ssuġġerixxa li jiġu ppreżentati l-applikazzjonijiet għall-permessi meħtieġa sabiex il-monument jiġi rilokat fiż-żona tal-Menqa.

Wara diskussjoni qasira, il-membri preżenti qablu ma' din il-proposta.

**25.12 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Kunsillier Daryl Connor staqsa:

1. Jekk il-Kunsill Lokali għandux pjan jew qed jikkunsidra li jipprovdi għajnuna lill-persuni li jieħdu ħsieb kolonji ta' qtates fil-komunità (feeders), b'mod partikolari fir-rigward tal-provvista tal-ikel għall-qtates. Huwa staqsa wkoll li, f'każ li l-Kunsill ma għandux l-intenzjoni li jipprovdi tali għajnuna, jingħataw ir-raġunijiet wara din id-deċiżjoni. Barra minn hekk talab aktar dettalji dwar l-allokazzjoni tal-fondi li l-Kunsill alloka għad-dekasteru tal-annimali.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li fil-baġit kien ġie allokat ammont ta' €5,000 għal aspetti relatati mal-ħarsien u l-benesseri tal-annimali. Huwa spjega li, wara studju aktar dettaljat tas-sitwazzjoni fil-livell reġjonali u wara żjarat f'numru ta' kolonji ta' qtates fir-reġjun, ġie osservat li f'ħafna każijiet kien qed isir għalf żejjed, b'ħela ta' ikel. Ġie kkunsidrat li tali prattika ma tirrappreżentax użu effiċjenti tal-fondi pubbliċi u tista' wkoll tħalli impatt negattiv fuq il-fauna selvaġġa.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega wkoll li r-reġjun qed jikkunsidra li jinvesti f'tabelli ta' informazzjoni u cat shelters. Huwa żied jgħid li r-reġjun ser ikun qed joħroġ inizjattiva ta' trap and release, u ser jikkunsidra wkoll li jipprovdi għajnuna fl-ikel lil dawk il-persuni li jieħdu ħsieb il-kolonji u li jkunu jistgħu juru li qed jimmaniġġjawhom b'mod responsabbli.

2. Il-Kunsillier Connor talab informazzjoni dwar il-laqgħa li saret fl-24 ta' Jannar rigward il-pjan ta' riġenerazzjoni għal San Pawl il-Baħar, u staqsa fuq xiex kienet tikkonsisti din il-laqgħa u min kien preżenti għaliha.

Is-Sindku spjega li din il-laqgħa kienet waħda minn numru ta' preżentazzjonijiet organizzati mill-Foundation for Tourism Zones flimkien mal-konsulenti tagħha (ADI). Għal din il-preżentazzjoni kienu preżenti s-Sindku u l-Viċi Sindku, fejn ġew spjegati numru ta' proposti relatati mal-pjan ta' riġenerazzjoni. Kunsilliera oħra ma setgħux jattendu minħabba impenji tax-xogħol.

**25.13 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi**

Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera Mary Borg jekk tixtieqx tippreżenta informazzjoni dwar il-ħarġa kulturali tal-anzjani li jmiss, iżda hija kkonfermat li għadhom jistennew risposta.

**25.14 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

Is-Sindku ppreżenta l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni.

Is-Sindku informa li l-kontijiet (Items 141 sa 145 fl-iskeda) relatati mas-servizz tal-ġbir tal-Bulky Service. Għalissa dawn mhux se jiġu approvati peress li għandhom jiġu ċċertifikati mill-Contracts Manager. Għaldaqstant, il-pagamenti mhux se jitħallsu sakemm ir-rekwiżiti kollha jiġu ċċertifikati kif suppost.

Fuq proponent tal-Kunsilliera Rachel Williams, sekondat mill-Kunsillier Sandra Gauci, l-iskeda ġiet approvata b'unanimità.

**25.15 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20.15 u aġġornat għal nhar il-Ħamis 12 ta' Marzu 2026 fis-5:30pm.

**Aġent Segretarju Eżekuttiv**
**Bjorn Bonello**

**Sindku**
**Ċensu Galea**